

Brussell, 28 ta' Jannar 2021
(OR. en)

13918/20
ADD 2 REV 1

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0373(NLE)

UK 117

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 841 final/2 - ANNEX 2
Suġġett:	ANNESS ta' Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim dwar il-Fluġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward l-adozzjoni ta' deċiżjoni li tistabbilixxi lista ta' 25 persuna li huma lesti u kapaċi jservu bħala membri ta' bord ta' arbitraġġ skont il-Ftehim u f'lista ta' riżerva ta' persuni li huma lesti u kapaċi jservu bħala membri tal-Unjoni ta' bord ta' arbitraġġ skont il-Ftehim

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 841 final/2 - ANNEX 2.

Mehmuż: COM(2020) 841 final/2 - ANNEX 2



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.1.2021
COM(2020) 841 final/2

ANNEX 2

COM(2020) 841 final of 14.12.2020 downgraded on 27.1.2021

ANNESS

ta'

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward l-adozzjoni ta' deċiżjoni li tistabbilixxi lista ta' 25 persuna li huma lesti u kapaċi jservu bħala membri ta' bord ta' arbitraġġ skont il-Ftehim u f'lista ta' riżerva ta' persuni li huma lesti u kapaċi jservu bħala membri tal-Unjoni ta' bord ta' arbitraġġ skont il-Ftehim

ANNEX II

Abbozz ta' Nota biex Tinhemeż mal-Minuti tal-Laqgħa tal-WAJC, xx ta' Diċembru 2020, li tistabbilixxi l-Proċeduri biex ikunu nominati fil-futur il-Presidenti fil-lista ta' presidenti għall-Bord ta' Arbitraġġ tal-Ftehim dwar il-Ħruġ

Il-Kumitat Konġunt illum adotta l-lista ta' 25 persuna li huma lesti u kapaċi jservu bħala membri ta' bord ta' arbitraġġ skont l-Artikolu 171 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ. Il-Partijiet ifakkru li l-ħames persuna fil-lista ta' presidenti ntgħażlet wara tluġ bix-xorti li sar fid-9 ta' Diċembru 2020 fil-preżenza ta' rappreżentanti taż-żewġ Partijiet.

Biex jiġi żgurat bilanċ matul iż-żmien, jenħtieġ li tapplika rotazzjoni li biha meta pożizzjoni okkupata minn president ippreżentat mill-Parti li l-kandidati tagħha jokkupaw tliet postijiet fil-lista ta' ħamsa ssir vakanti, il-Parti l-oħra tippreżenta tliet kandidati li minnhom l-ewwel Parti tagħżel, fi żmien tlett ijiem ta' xogħol, president biex jimla dan il-post vakanti.

Jekk pożizzjoni okkupata minn president ippreżentat mill-Parti li l-kandidati tagħha jokkupaw żewġ postijiet fuq il-lista ta' ħamsa ssir vakanti, ma jkun hemm l-ebda rotazzjoni u dik il-Parti tippreżenta tliet kandidati li minnhom il-Parti l-oħra tagħżel, fi żmien tlett ijiem ta' xogħol, president biex jimla dan il-post vakanti.

Għaldaqstant, il-lista ta' presidenti fl-ebda ħin ma jkollha inqas minn żewġ presidenti fiha li ġew ippreżentati minn kull Parti.

Wara kull sostituzzjoni kif stabbilit hawn fuq, jenħtieġ li l-Kumitat Konġunt jemenda l-lista ta' 25 persuna b'deċizzjoni adottata f'konformità mal-Artikolu 171 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

F'kull każ, il-Kumitat Konġunt jirrevedi l-lista ta' 25 persuna sentejn mid-dħul fis-seħħ tad-Deċizzjoni tal-Kumitat Konġunt adottata illum. Il-Partijiet jagħmlu hilitom kollha biex jipproponu b'mod konġunt lista ta' ħames presidenti matul dan ir-rieżami, kif stabbilit fil-Ftehim dwar il-Ħruġ. Jenħtieġ li din il-lista tiegħu post il-lista preċedenti mhux aktar tard minn sitt xhur mill-bidu tar-rieżami.

Jekk ma jkunx jista' jsir qbil dwar il-ħames president matul il-proċess ta' rieżami, il-Parti li l-kandidati tagħha jokkupaw żewġ postijiet fil-lista ta' ħamsa f'dak il-mument tippreżenta tliet kandidati li minnhom il-Parti l-oħra tagħżel, fi żmien tlett ijiem, president biex jimla dan il-post fil-lista. Wara l-proċess ta' rieżami, jenħtieġ li l-Kumitat Konġunt jemenda l-lista ta' 25 persuna permezz ta' Deċizzjoni adottata skont l-Artikolu 171 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

Il-kandidati kollha proposti minn Parti għall-għażla mill-Parti l-oħra skont il-proċedura stabbilita f'din in-Nota jridu jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 171 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, u, jekk Parti raġonevolment tqis li dan mhuwiex il-każ, hija tirriżerva d-dritt li toġġezzjona għall-inklużjoni jew il-ħatra ta' tali kandidat.